# Ħsieb għax-xahar ta' Marzu

## L-IVA ta' Marija



Fil-25 ta' dan ix-xahar ta' Marzu, l-Knisja tiċċelebra waħda mill-ikbar festi tagħha dik tat-Tħabbira tal-Mulej jew kif nafuha aħjar il-Lunzjata. Nistgħu ngħidu li din il-festa ddur ma' kelma – il-kelma iva. L-iva ta' Marija, tissimbolizza l-aċċettazzjoni sħiħa u bla kundizzjoni tagħha ghar-rieda ta' Alla. Meta l-Anġlu Gabrijel deher lil Marija biex iħabbar li se tnissel l-Iben ta' Alla, it-tweġiba tagħha kienet umli u fiduċjuża "Jiena l-qaddej tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek" (Luqa 1:38). Dan il-mument ta' fidi, ubbidjenza, u sottomissjoni għall-pjan ta' Alla jitqies bħala mudell għal dawk kollha li jemmnu.

L-iva ta' Marija tirrappreżenta l-konsenja totali tagħha għar-rieda ta' Alla, minkejja l-isfidi u l-inċertezzi li setgħet ġabet magħha. Bl-iva taghha hija saret sieħba fil-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla għad-dinja. Din l-iva spiss tiġi riflessa bħala mument ta' fidi profonda, tama u fiduċja fil-pjan ta' Alla, anke meta ma nifhmuhx għal kollox.

F'sens wisa', l-iva ta' Marija hija stedina lil dawk kollha li jemmnu biex jafdaw f'Alla, anke meta l-pjanijiet Tiegħu jistgħu jidhru lil hinn mill-fehmiet tagħna. Isejħilna biex inċedu r-rieda tagħna stess lil Alla, billi nagħrfu li l-pjanijiet Tiegħu għalina huma dejjem għall-ġid aħħari tagħna u għall-ġid tad-dinja.

***Fr Jonathan Debattista***

## L-Ewwel Konċilju ta' Nicaea



Din is-sena li bdejna taħbat l-1700 sena minn mindu sar il-Konċilju Ekumeniku ta' Nicaea, li sar fis-sena 325 A.D. Din hi kommemorazzjoni importanti, tant li Papa Franċesku esprima ix-xewqa li iżur it-Turkija propju biex jiċċelebra dan l-anniversarju. Fit-325 A.D. Nicaea kienet tagħmel parti mill-Imperu Ruman, imma illum hi magħrufa bħala Iznik u tagħmel parti mit-Turkija. Dan il-konċilju kien imsejjaħ prinċipalment mill-Imperatur Konstantinu; fil-Knisja dak iż-żmien kien hemm ħafna nuqqas ta' ftehim dwar numru ta' kwistjonijiet teoloġiċi, parti minnhom imqajjma minn Arius, u Konstantinu beda jibża li dan kien se jaqsam l-Imperu. Wieħed mir-riżultati ta' dan il-Konċilju kien il-Kredu ta' Nicaea, li hu dak li ngħidu waqt il-quddies, għalkemm ma kienx għadu ifformulat kompletament kif nafuh illum.

President

# Regia ta' Malta Bullettin Leġjunarju

Marzu 2025

**Prattika Spiritwali**

## MIEXI JEW STAĠNAT???

Darba Ġanġu kellu xi jgħid ma' wieħed mill-ġirien u baqgħu ma jitkellmux, forsi bil-ħsieb li jitkellmu l-ġenna jew l-infern. Zolli daħħlet f'rasha li żewgħha bidilha u din tfakkarhielu kull darba li jdur ir-riħ. Kemm hu faċli fil-ħajja li teħel fl-istess post flok tibqa' miexi. Hekk jiġrilu min jidħol fil-vizzju u min jidħol fir-rutina. Nispiċċaw nagħmlu l-istess xogħol bla pass-joni u bla entużjażmu, ngħidu l-istess talb, nirrakkontaw l-istess storja. Naħseb li t-talb, il-qrar u anki t-tqarbin jista' jistaġna u jsir rutina bla togħ-ma speċjalment jekk jonqos fihom is-smigħ, il-qalb, l-ispontanjetà u l-kreattivita'. Alla ma jridx li nidħlu fil-mewt tal-istaġnar. Forsi għalhekk jippermetti t-tentazzjonijiet, id-dubji, il-bidla fiċ-ċirkustanzi, il-kritika, il-persekuzzjoni, etc. Irtir jista' iqajjem min-ngħas, jiftaħ orizzonti ġodda ta' tagħlim u jfakkarna fl-idejal. Għax meta ma nibqgħux infittxu l-idejal nispiċċaw nikkuntentaw ruħna bil-medjokrita'. Niftakru li l-kisba tal-virtu' kif ukoll il-ħajja nisranija huma mixja, vjaġġ b'ħafna challenges u restarts. Min ma jimxix huwa mejjet u min hu mejjet ma jimxix.

**Iddiskuti:**

**1. Jista' jkun li inti ġġamjajt? Jista' jkun li anki l-praesidium tagħkom huwa ġġamjat? X'sinjali ta' ħajja tinnota fik u fih?**

**2. L-irtir jista' jkun opportunita' biex dak li jkun jiġġedded u jitħeġġeġ. Għaliex taħseb li xi wħud jitilfu l-aptit ta' l-irtir?**

**Dun Karm Gauci**



**Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Marzu**

**Għall-Familji fi kriżi**

Nitolbu biex il-familji mkissra jsibu l-kura għall-weġgħat tagħhom fil-maħfra, billi jerġgħu jiskopru l-kwalitajiet ta' xulxin anke fost id-differenzi ta' bejniethom.

***Laqgħa ta' tagħlim Sibt 22 ta' Marzu fil 5 p.m, Dar tal-Leġjun***